VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,257, 27 ta' Mejju, 2014
Taqsima B

A.L. 181 tal-2014

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 60 u 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftieħmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Sit ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.118

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jipprovdu għal eċċezzjoni applikabbli lill-persuni li jikkaċċjaw fil-konfini ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja għat-tqegħid ta' armi tan-nar skargati jew armi oħra, munizzjon jew apparat ieħor intiż għal kaċċa jew teħid ta' għasafar selvaġġi jew fniek selvaġġi f'kompartament msakkar f'bini li jinsab fiż-żona ta' Il-Majjistral, Park ta' Natura u Storja.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-12 ta' April, 2014.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. (1) Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Kull persuna li tikkaċċja fil-konfini għandha tiskarga l-arma tan-nar jew arma oħra u tqiegħda fl-għatta tagħha u għandha tiġbor kull apparat ieħor intiż għall-ikkaċċjar jew għat-teħid u toħroġ mill-Park sal-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m.), u tiżgombra mill-Park kull arma tan-nar, munizzjon jew apparat intiż għall-kaċċa jew teħid, jew kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ ikkaċċati, kemm jekk ħajjin jew mejtin, kemm jekk sħaħ jew parti minnhom, fil-pussess tagħha jew taħt kontroll tagħha, sal-

għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m.):

Iżda meta persuna jkollha fil-pussess legali tagħha binja fiż-żona, dik il-persuna tista' tqiegħed f'kompartament imsakkar fl-imsemmi bini kull arma tannar skargata jew armi oħra, munizzjon, apparat jew mezzi oħra użati minnha intiżi għall-kaċċa jew teħid ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ."; u

(b) fis-subregolament (6) tiegħu, minflok il-kliem "qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara." għandhom jidħlu l-kliem "qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda meta persuna jkollha fil-pussess legali tagħha binja fiż-żona, dik il-persuna tista' tqiegħed f'kompartament imsakkar fl-imsemmi bini kull arma tannar skargata jew armi oħra, munizzjon, apparat jew mezzi oħra użati minnha intiżi għall-kaċċa jew teħid ta' kull għasfur selvaġġ jew fenek selvaġġ.".